MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-12 ta' Lulju, 2013

Rikors Numru. 151/2013

**AB**

**-vs-**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

1. Illi l-esponent zzewweg lill-intimata permezz ta' cerimonja religjuza fl-14 t'Awwissu, 1988.
2. Illi l-partijiet xoljew u llikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti bejniethom u effetwaw is-separazzjoni personali permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali ppublikat in atti tan-Nutar Pubbliku Dottor Margaret Heywood fil-21 ta' Dicembru, 2008 (vide kopja annessa u mmarkata bhala Dok. A);

3. Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom zewgt itfal P u G, ahwa B li ghandhom l-eta` ta' tlieta u ghoxrin (23) sena u sittax-il (16) sena rispettivament u l-partijiet lahqu kull ftehim mehtieg rigwardanti l-kura u kustodja, access u manteniment u m'ghandhom ebda kwistjonijiet pendenti t'ebda natura bejniethom;
4. Illi ghaddew iktar minn erba (4) snin mid-data tas-separazzjoni legali u ma hemm ebda prospett ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;
5. Illi jikkonkorru l-kriterji kollha necessarji rikjesti mil-ligi ghall-hall taz-zwieg u ghad-divorzju tal-partijiet;

Talab sabiex l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tiddikjara li z-zwieg tieghu mall-intimata Antonia D'Aponte hu mahlul u li l-partijiet huma divorzjati ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-ligi u sabiex jordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien mholli ghal daqshekk minn din l-Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan id-divorzju jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat ir-risposta tal-intimata, li permezz taghha eccepiet :

Li biha tiddikjara li taqbel mat-talba tar-rikorrenti skond kif jidher mill-affidavit taghha;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-4 ta' April, 2013;

Rat l-affidavit bix-xhieda tal-intimata;

Semghet lil Dr Chris Cilia jixhed ghan-nom tar-rikorrenti;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi il-partijiet ilhom legalment separati mill-21 ta’ Dicembru 2008 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------